# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 4**

**Avviz numru 1273/98mm**

**Registratur tal-Qrati**

**Vs**

**Joseph Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fit-23 ta' Gunju, 1998, fejn talab lil din il-Qorti illi tikkundanna lill-konvenut ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u jkun ikkundannat ghall-pieni stabbiliti fit-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), peress li ma obdiex l-ordni ta' din il-Qorti moghtija lilu bil-mandat ta' zgumbrament numru 441/96 fl-ismijet "Modesta Borg p.e.n. vs Joseph Muscat" mahrug in esekuzzjoni ta' sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Lulju, 1995, konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Frar, 1996.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx, il-konvenut jista’ jigi mgieghel jidher biex iwiegeb ghall-akkuza bil-mezz ta’ mandat ta’ skorta jew ta’ arrest.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi dawn il-proceduri odjerni huwa irriti u nulli stante li l-anzjani ghad-disprezz tal-Qorti trid tigi inizjata da parti tal-parti lesa (ara *Scicluna vs Pace* deciza mill-Qorti Kostituzzjonali).

Illi subordinatament ukoll dawn il-proceduri huma irriti u nulli wkoll stante li dawn mhux si tratta ta’ kawza ta’ disprezz imma se mai hemm proceduri ulterjuri x’wiehed jista’ jiehu.

Illi fil-meritu ghandu jinghad li m’hemm l-ebda disprezz stante li hemm pendenti proceduri sabiex il-mandat ta’ zgumbrament mertu ta’ din il-kawza jigi dikjarat null.

Illi inoltre m’hemm l-ebda kawza fl-ismijiet *Modesta Borg vs Joseph Muscat.*

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari ta’ din il-Qorti tad-29 ta’ Novembru, 1999, u il-konferma tal-Qorti ta’ l-Appell ta’ l-1 ta’ Gunju, 2002;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li fis-6 ta' Gunju, 1996, gie pprezentat u sussegwentement milqugh Mandat ta' Zgumbrament Esekuttiv bin-numru 441/96 fl-ismijiet Modesta Borg vs Joseph Muscat, sabiex l-intimat jigi zgumbrat mill-ghelieqi maghrufa bhala Sqaq iz-Ziemel, tal-Mithna, tad-Dwieli u tal-Blat u tal-Handaq limiti ta' Hal Qormi.  Il-marixxall Saviour Farrugia kien inkarigat bl-esekuzzjoni ta' dan il-Mandat.  Il-marixxall xehed (Fol. 91) illi huwa kien innotifika lill-konvenut b'kopja ta' dan il-Mandat f'idejh.

Il-konvenut mall-ewwel indika illi huwa ma kienx lest jottempra ruhu bl-ordni tal-Qorti u nforma lill-marixxall illi huwa kien sejjer johrog darba jaqla' l-wicc.  Fil-fatt irrizulta li wara ftit zmien il-konvenut hareg mill-ghelieqi tal-Handaq.  Pero' l-ghalqa maghrufa bhala tal-Blat baqa' jahdimha.

Il-marixxall jghid, illi sakemm huwa dam jiehu hsieb dan il-Mandat, il-konvenut baqa' jahdem din l-ghalqa u kien ghadu fl-okkupazzjoni taghha ghad li hareg mill-ghelieqi l-ohra wara negozjati li saru mas-sidien.

Illum il-konvenut qieghed jinvoka favur tieghu d-decizjoni moghtija minn din il-Qorti illi l-Mandat imsemmi 441/96  gie dikjarat null.  Bir-rispett, din il-Qorti jidhrilha illi tali decizjoni m'ghandhiex tincita fuq dawn il-proceduri u dana ghas-semplici raguni illi l-Mandat li hareg fis-6 ta' Gunju, 1996, kien wiehed validu ghal kull fini u effetti tal-Ligi, u sakemm is-sitwazzjoni kienet ghadha hekk, dik l-ordni kellha tigi

obduta fit-termini ta' l-istess Ligi. X'gara wara m'ghandu l-ebda effett fuq l-esekuzzjoni ta' dak il-Mandat li kellu jkun immedjat u effettiv hekk kif il-konvenut gie notifikat b'kopja f'idejh.

Il-konvenut kellu mezzi ohra skond il-Ligi sabiex jiddefendi ruhu, pero' mhux illi ma jobdix l-ordni tal-Qorti. Il-fatt illi huwa fizikament m'ghamilx ostakolu ghall-marixxall, ma jfissirx illi b'daqshekk huwa jista' jaghmel li jrid. L-ordni kienet illi huwa jivvaka minn dawn l-ghelieqi u din l-ordni kellha tigi obduta ladarba kienet wahda valida u legali. X'gara wara m'ghandu l-ebda effett fuq il-validita ta' l-ordni moghtija dak il-hin ladarba ma rrizultax li saret talba ghas-sospenzjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat.

Il-Qorti hawhekk ma tistax ma ticcensurax il-marixxall li ghamilha ta' ntermedjarju bejn il-konvenut u s-sidien. Filwaqt li tifhem l-intenzjoni tajba li animatu, dana mhuwiex il-kompitu ta' marixxall esekutant. L-ordnijiet tal-Qorti jridu u ghandhom jigu obduti mmedjatament u l-marixxall irid jara li dana jsir u ghandu juza l-mezzi kollha a dispozizzjoni tieghu biex jassigura l-esekuzzjoni tal-ordnijiet. Kwalunkwe xkiel li jtellef tali esekuzzjoni jrid jigi riportat lill-Qorti u dan jinkludi wkoll ix-xkiel taz-zmien peress illi jkun ta' pregudizzju kemm ghal min ikun talab l-ordni u kemm ghall-Qorti li titlef l-awtorita' taghha u tidher dghajjfa quddiem min irid jisfidha. Haga li l-Qorti taghna m'ghandha qatt tippermetti.

Mill-bqija l-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza kkwotata mill-attur fin-Nota ta' l-Osservazzjonijiet tieghu, liema gurisprudenza hija attwali u konformi mall-fatti kif irrizultaw f'din il-kawza.

Il-Qorti ghalhekk jidhrilha li l-konvenut wera disprezz lejn l-awtorita' ta' Qorti meta huwa rrifjuta illi jobdi l-ordni shiha tal-Mandat ta' Zgumbrament illi gie validament moghti u notifikat lilu.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tiddikjara lill-konvenut hati ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti peress illi ma obdiex l-ordni ta' din il-Qorti moghtija lilu bil-Mandat ta' Zgumbrament numru 441/96 fl-ismijet "Modesta Borg p.e.n. vs Joseph Muscat" mahrug in esekuzzjoni ta' sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Lulju, 1995, konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Frar, 1996, u wara li rat l-Artikolu 997 tal-Kap. 12 tikkundanna lill-konvenut ghall-multa ta' mitt lira Maltin (Lm100.00).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Deputat Registratur